MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1894/2000/1

**San Andrea School.**

**-vs-**

**Giuseppa Chetcuti, David u Mary konjugi Mallia, solidalment bejniethom.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fis-16 ta' Ottubru 1995 "The Parents Foundation For Education Second School" illum "San Andrea School" kienet iffirmat ftehim mal-konvenuti (Dok.A) li permezz tieghu il-

partijiet kienu ftehmu, fost affarijiet ohra senjatament taht klawsola 1(b) illi l-atturi kienu taw b'titolu ta' self lill-konvenuti s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Illi skond l-istess imsemmija klawsola dina s-somma kellha tigi restitwita lill-atturi meta jitlestew ix-xogholijiet imsemmija f'paragrafu c(i) u (ii) ta' l-istess klawsola 1.

Illi x-xogholijiet imsemmija f'paragrafu c(i) u (ii) ta' klawsola li tlestew, izda minkejja dan il-fatt il-konvenuti xorta wahda ma hallsux is-somma ta' Lm5,000 skond kif kienu obbligati illi jaghmlu taht il-ftehim tas-16 ta' Ottubru 1995.

Illi abbasi tal-artikolu 1(c)(iii) tal-imsemmi ftehim l-atturi kellhom l-obbligu illi jipprovdu a spejjes taghhom ghal perjodu kollu sakemm titlesta l-kostruzzjoni msemmija f'paragrafu (i) ta' din il-klawsola 1(b) container ta' erbghin (40) pied jew zewg containers ta' ghoxrin (20) pied-il wiehed.

Illi bhala stat ta' fatt l-atturi kien onoraw l-obbligu taghhom taht l-artikolu 1(c)(iii) u kienu pprovdew zewg containers ta' ghoxrin pied-il wiehed, izda minkejja illi tlestiet il-kostruzzjoni imsemmija fil-ftehim (Dok. A) xorta wahda l-konvenuti ghadhom ma rritornawx l-imsemmija containers lill-atturi.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu is-somma ta' Lm5,000 kif ukoll sabiex jirritornaw l-imsemmija containers huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(1) tiddikjara illi l-atturi kienu onoraw l-obbligi taghhom taht il-ftehim tas-16 ta' Ottubru 1995 fis-sens illi tlestew ix-xogholijiet deskritti ahjar taht il-klawsola 1(c)(i) u (ii) ta' l-istess ftehim.

(2) tiddikjara lill-konvenuti bhala debituri tal-atturi fis-somma ta' hamest elef lira maltin (Lm5,000) abbasi tal-ftehim ta' bejniethom tas-16 ta' Ottubru 1995,

(3) tiddikjara illi l-konvenuti qeghdin jzommu z-zewg containers sumenzjonati minghajr l-ebda titolu validu skond il-ligi,

(4) tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5,000,

(5) kif ukoll tordna lill-konvenuti sabiex jirritornaw lill-atturi fi zmien qasir u perentorju, li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, l-imsemmija zewg containers,

(6) u in difett li l-konvenuti jonoraw il-hames talba li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) rappresentanti l-valur taz-zewg containers imsemmija – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-11 ta' Ottubru 1999, u Lm15.00 tal-konsult, kontra l-konvenuti li minn issa jibqaw ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attriici mahlufa minn Lionel Lapira, I.D. 561160(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-3 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi n-nullita' tac-citazzjoni billi "San Andrea School" m'ghandhiex personalita' guridika.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju San Andrea School mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, billi l-

ftehim imsemmi fic-citazzjoni sar ma "The Parents Foundation For Education Second School."

3. Inoltre l-azzjoni attrici hija intempestiva billi sallum ix-xoghol miftiehem ghadu ma tlestiex skond l-arti u s-sengha u skond il-ligi.

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u konsegwentement ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra processwali komprizi n-noti ta' sottomisjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu n-nullita' tac-citazzjoni billi San Andrea School ma ghandhiex personalita' guridika u li m'hijiex il-legittimu kontradittur billi l-ftehim huma ghamluh ma' The Parents' Foundation for Education Second School u mhux ma' San Andrea School. Iz-zewg nahat ipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet dettaljati sew dwar dawn l-eccezzjonijiet li huma konnessi.

Wiehed bil-fors irid isegwi l-*iter* li hadet l-iskola in kwistjoni biex jasal ghad-decizjoni u dan wiehed jista' jaghmlu jekk isegwi kronolgikament id-dokumenti li gew esebiti mill-atturi.

Il-fondazzjoni (mhux dik kontraenti izda hekk imsejjha Parents' Foundation For Education) giet kostitwita fl-1988 permezz ta'

att pubblikat minn Nutar Pierre Attard (Dok AB2). Il-fondazzjoni li kkontrattat mal-konvenuti da parti taghha giet istitwita fl-1 ta' Ottubru, 1992 u a fol 40 fl-istatut tal-iskola attrici wiehed isib illi din il-fondazzjoni originali hija *the true and lawful owner of the Parents Foundation for Education Second School here in after referred to as the School.* Kienet ghalhekk din it-tieni fondazzjoni li waqqfet l-iskola San Andrea.

Fuq l-ewwel eccezzjoni l-Qorti thoss li mal-mument li giet stabbilita l-iskola fl-1992 bhala *body corporate* hija kellha personalita' guridika u ma kienx jiddependi mil-licenzja tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex dan isehh. Il-licenzja hija necessarja biex l-iskola topera izda dan ma jfissirx li ma tistax tidhol f'obbligazzjonijiet u allura jkollha ukoll min ikun obbligat fil-konfront taghha. Dan johrog car mill-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 – Artikolu 4).

Il-punt l-iktar problematiku huwa jekk l-iskola dahlitx fid-drittijiet u l-obbligi tal-fondazzjoni ghaliex ma jidhirx li sar xi trasferiment car ta' dawn id-drittijiet. Li gara kien li l-fondazzjoni originali permezz tal-istatut tal-iskola, fil-waqt illi iddikjarat li kienet il-proprjetarja tat-tieni fondazzjoni stabbilit l-iskola u l-istatut taghha. Madankollu huwa car illi f'mohh il-firmatarji, it-tieni fondazzjoni u l-iskola San Andrea kienu l-istess haga; in fatti fil-waqt li t-titolu huwa Parents' Foundation For Education, San Andrea School – Statute, fl-Artikolu 2 (fol 41) wiehed isib *The name of the school is San Andrea School – here after called the School.* Ghalhekk il-Qorti taccetta t-tezi li t-tieni fondazzjoni 'inbidlet' fi skola li ssejhet San Andrea.

Fl-istess hin wiehed ma jlumx lill-konvenuti illi ntavolaw din l-eccezzjoni ghaliex huma ma kellhomx a disposizzjoni

taghhom id-dokumenti li juru dan u dan ser ikun rifless fil-kap tal-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti; l-ispejjes ta' din l-istanza huma bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------